MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Numru. 746/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR NORBERT CIAPPARA**
**SPETTUR DENNIS THEUMA**
**VS**
**DAVID GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat David Gatt ta’ 27 sena, iben Alfred u Rita nee’ Azzopardi, imwieled Mtarfa, fis-17 ta’ Frar 1977, residenti St. Joseph Court Flat 61A Triq l-Imhar San Pawl Il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 153677(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-6 ta’ Settembru 2004 fil-Mosta f’dawn il-gzejjer attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra

l-persuni ta' l-istess PC 1220 C. Baldacchino u PC 213 N. Borg persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qeghdin jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghtija skond il-Ligi minn Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 96 (a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi b'mezzi xort'ohra minn dawk specifikatament imsemmijin fil-Kodici Kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament vettura bin-numri tar-registrazzjoni GVP 508 mudell Volkswagen ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500) ai termini ta' l-Artikolu 325(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli ghamel offiza ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Michael Spiteri MD tal-Casualty Dept. Ta' l-Isptar San Luqa fuq il-persuna ta' PC 1220 C. Baldacchino, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaw u/jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur ta' l-Artikolu 95 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta ma' l-imputat David Gatt talli huwa recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattatt bi procedura sommarja;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.104) fil-verbal datat 20 ta' Mejju 2010, fil-konfront tal-ewwel tlett akkuzi;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni kondizzjonata wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghamel ammissjoni tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghar-raba' akkuza.

Din l-akkuza ma gietx pprovata sodifacentement mill-prosekuzzjoni stante li il-prosekuzzjoni naqset milli tipproduci xhieda tal-identita ghall-rigward tas-sentenza ezebita.

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat David Gatt, hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza; mhux hati tar-raba' (4) akkuza fuq nuqqas ta' provi li minnha l-Qorti tilliberah, u wara li rat Artikoli 96(a), 325(b), 95(1), 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-ammissjoni bikrija tal-imputat , il-fatt li l-hsara mwettqa mill-imputat giet saldata fil-mori tal-kawza u l-ammont minimu tal-hsara involuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------